# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 24 ta' Gunju 2021**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 260/2016 JVC**

**Maria Dolores Ferris K.I. 376948(M)**

**vs**

**Jane Pizzuto K.I. 182054(M), Maria sive Miriam Cacopardo K.I. 297457(M), Anthony Pizzuto K.I. 243160(M) u Rene' Pizzuto K.I. 444676(M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Maria Dolores Ferris ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi l-kontendenti kollha f'din il-kawza huma t-tfal ta' Joseph Pizzuto u ta' Maria Pizzuto xebba Grima, ghajr ghal Rene Pizzuto li jigi t-tifel tal-mejjet huhom Paul Pizzuto. Paul Pizzuto huwa hu l-kontendenti f'din il-kawza, u miet fid-9 ta' Frar 2010 li kopja tac-certifikat tal-mewt tieghu jinsab hawn anness bhala **dok MF 1**;

2. Illi Joseph Pizzuto miet fl-10 ta' Dicembru 1987 li kopja tac-certifikat tal-mewt jinsab hawn anness bhala **dok MF 2**, mentri Maria Pizzuto xebba Grima mietet fis-25 ta' Novembru 2014 li kopja tac-certifikat tal-mewt taghha jinsab hawn anness bhala **dok MF 3**;

3. Illi Joseph Pizzuto u Maria Pizzuto xebba Grima xtraw u akkwistaw matul iz-zwieg taghhom erba' propjietajiet immobbli li huma –

   (i) 83, Paola Square Paola
   (ii) 83, 'Merryland' Paola Square Paola
   (iii) Il-garaxx 4, Palm Street Paola
   (iv) Il-fond 4, Palm Street Paola

   liema erba' propjeitajiet immobbli baqghu propjeta' taghhom sal-mewt taghhom;

4. Illi Joseph Pizzuto halla l-wirt tieghu jigi regolat b'testment unica charta datat is-6 ta' Marzu 1986 fl-atti tan-Nutar Joseph H Saydon kif ukoll b'testment unica charta

addizzjonali tal-21 ta' Mejju 1986 fl-atti tan-Nutar Joseph H Saydon, fejn 'inter alia' fost id-disposizzjonijiet huwa rregola is-segwenti –

(i) Illi halla lill-martu l-uzufrutt tal-beni kollha tieghu skond l-artikolu (1)
(ii) Illi halla id-dritt tal-abitazzjoni tad-dar bin-numru 83, Paola Square, Paola lil Jane Pizzuto (propjament lil min fost uliedhom baqa' guvni u/jew xebba) kif ukoll halla in piena propjeta' l-oggetti mobbli fid-dar lilha inkluz hagar prezzjuz u dehebijiet, ghajr kotba tal-bank u/jew titoli ta' flus;
(iii) Legat in piena propjeta' tal-hanut 'Merryland' Paola Square, Paola lil Jane u Anthony ahwa Pizzuto kif ukoll il-kmamar retoposti tal-hanut li jintuzaw bhala kcina, kamra tal banju u bitha, u dan b'mod ugwali u in rappresentanza ta' servigi;
(iv) Ghajr ghal fuq stabbilit, Joseph Pizzuto halla lil hamest uliedu ugwalment skond il-ligi;
(v) Illi fit-testment unica charta kien hemm il-fakolta' *di variare* it-testment, ghall-istess martu;

Illi dawn huma l-ahhar testmenti li ghamel Joseph Pizzuto u dan kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji u mit-testmenti tas-6 ta' Marzu 1986 u tal-21 ta' Mejju 1986 dejjem fl-atti tan-Nutar Joseph H Saydon liema dokumenti jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala **dok MF 4 sa MF 7 inkluzi;**

5. Illi Maria Pizzuto mietet wara Joseph Pizzuto fejn ir-ricerki testamentarji taghha jinsabu hawn annessi bhala **dok MF 8 u MF 9** u fejn l-ahhar testmenti taghha huma dawk datati 4 ta'

April 2002 fl-atti tan-Nutar Joseph H Saydon, 25 ta' Settembru 2002 fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef u fis-16 ta' Awwissu 2006 fl-atti tan-Nutar M'Christina Saydon, kopji tal-istess testmenti hawn annessi **dok MF 10** sa **dok MF 12** inkluzi;

6. Illi f'dawn l-ahhar testmenti ta' Maria Pizzuto, Maria Pizzuto 'inter alia' ddisponiet is-segwenti –

(i) Id-dritt ta' abitazzjoni lil Jane Pizzuto u zewgha u t-tfal taghha tal-fond 83, Paola Square, Paola

(ii) Prelegat in piena propjeta' tad-deheb, fidda, gjojellerija, hagar prezzjuz lil Jane Pizzuto

(iii) Il-hanut 'Merryland' 83, Paola Square, Paola inkluz l-istokk u l-ghamara ta' gol-hanut, u fejn Maria Pizzuto ddikjarat li qieghdha tiddisponi hekk nonostante li taf li hi m'hijiex il-propjietarja assoluta ta' dan il-fond;

(iv) Kwalunkwe sehem fid-dar 83, Paola Square, Paola, u il-garage 4, Palm Street, Paola

(v) Illi f'artikolu 3 halliet it-tfal ugwali bhala eredi

7. Illi r-rikorrenti rrinunzjat ghall-wirt ta' ommha izda izzomm ferm id-drittijiet taghha ghas-sehem rizervat u dan kif jirrizulta min-nota ta' rinunzja bin-numru 23/2016 datat l-14 ta' Jannar 2016, hawn annessa u mmarkata bahal **dok MF 13**;

8. Illi a rigward il-wirt ta' missierha, r-rikorrenti tiddikjara li hi accettat il-wirt ta' missierha, izda rrifjutat il-wirt ta' ommha kif spjegat hawn fuq;

9. Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-fatti, r-rikorrenti qieghda tipprocedi kontra hutha sabiex takkwista u tiehu s-sehem

rizervat dovut lilha mill-wirt ta' ommha, skond il-ligi li jammonta ghal 1/5 ta' 1/2 = 1/10 tal-propjeta' (mobbli u immobbli) ta' Maria Pizzuto;

10. Illi oltre hekk, ir-rikorrenti taf li ohtha Jane Pizzuto pprocediet sabiex taghmel dikjarazzjoni causa mortis fl-atti tan-Nutar J.H. Saydon fl-14 ta' Mejju 2015 u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-insinwa tal-kuntratt notarili markat bhala **dok MF 14**, fejn jirrizultaw wkoll il-valuri tal-propjietajiet kif gew iddikjarati mill-konvenuta Jane Pizzuto stess;

11. Illi r-rikorrenti nterpellat lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici s-sehem rizervat skond il-ligi permezz ta' ittra ufficcjali tal-14 ta' Jannar 2016 hawn anness bhala **dok MF 15**, u dan bl-imghax legali skond l-artikolu 615 tal-Kap 16;

12. Illi nonostante din l-ittra ufficjali, l-intimati baqghu inadempjenti ghajr ghal Jane Pizzuto li rrispingiet b'mod kategoriku it-talbiet attrici;

13. Illi ghalhekk l-attrici ma kellha ebda ghazla ohra ghajr li tipprocedi b'kawza sabiex titlob ghal dak li huwa taghha bi dritt;

14. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti u/jew min minnhom prevja kwalsiasi dikajrazzjoni necessarja u opportuna l-ghala din il-Qorti ma ghandhiex taqta' u –

1. Tiddeciedi li l-attrici hija dovuta s-sehem rizervat skond il-ligi mil-wirt ta' ommha Maria Pizzuto li mietet fil-25 ta' Novembru 2014;

2. Tillikwida tali sehem rizervat dovut lill-attrici mill-wirt ta' ommha Maria Pizzuto in vista wkoll ghall-valuri kif gew indikati u dikjarati mill-konvenuta Jane Pizzuto skond id-**dok MF 14**, u dan prevja u jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi skond il-ligi, u bl-imghax legali skond l-artikolu 615 tal-Kap 16 mid-data ta' l-intavolar ta' l-ittra ufficcjali tal-14 ta' Jannar 2016, sal-pagament effettiv;

3. Tikkonferma li l-attrici hija eredi ta' missierha Joseph Pizzuto li miet fl-10 ta' Dicembru 1987;

4. Tikkonferma konsegwentement li l-attrici:

    a. hija proprjetarja ta' 1/10 indiviz u/jew dak is-sehem verjuri li tiddetermina l-Qorti, tal-fond numru 6, gja numru 4, Palm Street, Paola, inkluz il-garaxx, provenjenti mill-wirt ta' missierha.
    b. hija proprjetarja ta' 1/15 indiviz u/jew dak is-sehem verjuri li tiddetermina l-Qorti, tad-dar numru 83, Paola Square, Paola (eskluz l-hanut Merryland, 83, Paola Square, Paola kif spjegat fid-dikjarazzjoni 4(iii) ta' dan ir-rikors guramentat) soggett ghad-dritt ta' abitazzjoni a favur ta' Jane Pizzuto, provenjenti mill-wirt ta' missierha;
    c. hija propjietarja ta' 1/5 tat-titoli ta' flejjes, investimenti u kontijiet bankarji u kotba tal-bank provenjenti mill-wirt ta' missierha u/jew

kwalunkwe oggetti mobbli u li ma kienux jinsabu fid-dar ta' abitazzjoni a *limine intus* tat-testatur Joseph Pizzuto fil-gurnata tal-mewt tieghu;

5. Tordna lill-konvenuti u/jew min minnhom jaghtu u jroddu lura kopji tac-cwievet tal-fondi u l-pussess tal-fond 4 Palm Street Paola kif ukoll tal-garaxx adjacenti gewwa l-istess Palm Street Paola, lill-attrici, u dan entro terminu qasir u perentorju li tistabilixxi l-Qorti, u f'kaz ta' inadempjenza, l-Qorti tahtar periti nominandi sabiex jesegwixxu x-xogholijiet necessarji kif tordna l-Qorti u dan bl-ispejjez ghall-konvenuti u/jew min minnhom, u taht dawk il-provvedimenti ulterjuri li l-Qorti thoss li huma opportuni fic-cirkostanzi;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Jannar 2015, sal-pagament effettiv.

Il-konvenuti huma minn issa ngunti in subizzjoni u bl-ispejjez kollha inkluz tal-ittra ufficcjali tal-14 ta' Jannar 2016;'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Miriam Cacopardo li eccepiet kif isegwi:

1. 'Illi hija m'hijiex il-legittimu kontradittur tal-attrici stante illi hija rrinunzjat ghall-wirt ta' ommha Maria mizzewga Pizzuto permezz ta' nota mahlufa fil-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) fil-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) hawn allegata bhala Dok. "A". Ghaldaqstant, hija ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Jane Pizzuto li eccepiet kif isegwi:

'<u>ECCEZZJONIJIET</u>

Illi l-esponenti teccepixxi bir-rispett:

1. Illi mhuwiex minnu li l-mejtin Joseph u Maria konjugi Pizzuto kienu akkwistaw erba' (4) propjetajiet izda biss tlieta (3) ghaliex il-garage u fond 4, Palm Street, Paola huwa fil-fatt l-istess fond konsistenti biss f'kamra wahda.

2. Illi inoltre jigi rilevat li l-garage ossia fond 4, Palm Street, Paola, kien gie mniffed u integrat mad-dar 83, Paola Square, Paola, b'mod li sar parti mill-istess dar.

3. Illi ghalhekk fir-rigward tal-wirt imholli minn Joseph Pizzuto, il-prelegat tad-dritt ta' abitazzjoni gratuwita tad-dar 83, Paola Square, Paola, minnu mholli lill-eccipjenti, li sallum ghadha xebba, jikkomprendi l-kamra ossia fond 4, Palm Street, Paola. Dan il-prelegat gie mholli bir-Raba Artikolu tat-testment datat 6 ta' Marzu 1986.

4. Illi l-prelegat in pjena propjeta imholli minn Joseph Pizzuta lill-eccipjenti u huha Anthony Pizzuto permezz tal-Ewwel Artikolu tat-testment datat 21 ta' Mejju 1986 (Dok MF7), jikkomprendi oltre l-hanut Merryland, *"il-kmamar kollha fil-pjan terran"* liema kmamar fil-fatt jikkostitwixxu il-pjan terran tad-dar 83, Paola Square Paola li tinsab adjacenti u mniffda ma l-istess hanut kif ukoll il-fond 4, Palm Street,

Paola, li kif inghad jinsab fil-pjan terran u jifforma parti integrali mid-dar 83, Paola Square, Paola. Jigi kjarifikat li d-dar 83, Paola Square, Paola, oltre ghall-kmamar fil-pjan terran appena imsemmija, ghandha tarag li jaghti ghal tlett sulari ohra.

5. Illi l-prelegat imholli minn Joseph Pizzuto permezz tat-Tielet Artikolu tat-testment datat 6 ta' Marzu 1986 (Dok MF6) thalla biss lill-eccipjenti u mhux ukoll lil huha guvni Anthony (kif erronjament gie dikjarat fil-paragrafu 4(ii) tar-rikors guramentat) u tali prelegat jikkomprendi izjed minn dak dikjarat mill-attrici fil-paragrafu 4(ii) peress li jinkludi oggetti ta' metall prezzjus u l-flus kontanti.

6. Illi fir-rigward tal-wirt imholli minn Maria Pizzuto, li taghha l-attrici qed titlob il-legittima, jigi qabel kollox rilevat li hemm *lapsus calami* fl-Ewwel Artikolu tat-testment datat 16 ta' Awissu 2006 redatt minn Nutar Dr. Maria Christina Saydon (Dok MF 12) stante li huwa pacifiku li l-eccipjenti qatt ma zzewget u lanqas ghandha tfal.

7. Illi fir-rigward ta' dan il-wirt ta' Maria Pizzuto u b'riferenza ghal paragrafu 6 tar-rikors guramentat tal-attrici, jigi rilevat li:

(i) Id-dritt ta' abitazzjoni esklussiv u gratuwitu tad-dar 83, Paola Square, Paola, imholli lill-eccipjent, ghandu jitqies li jikkomprendi l-fond 4, Palm Street, Paola, kif fil-fatt jinghad f'dan l-Artikolu *"dar tal-abitazzjoni tat-testatrici li llum hi numru tlieta u tmenin (83), Paola Square, u li ghandha bieb iehor ta' garage numru erbgha (4) Palm Street, Paola"*. Dan il-prelegat thalla bhala legato di cosa altrui.

(ii) Il-prelegat imsemmi fil-paragrafu 6(iii) tar-rikors guramentat mhuwiex korrett fis-sens li kif jirrizulta mill-Ewwel Artikolu paragrafu tlieta (3) tat-testment datat 4 ta' April 2002 (Dok MF10), it-testatrici ddikjarat li l-merkanzija u stock in trade tal-hanut huma kollha propjeta tal-eccipjenti u kwindi ma jidhlux fil-komputazzjoni tal-legittima.

8. Illi fir-rigward tal-valuri ndikati fid-Dok MF14 b'riferenza ghal *causa mortis* ta' Maria Pizzuto, l-esponenti tikkontesta bil-qawwa l-istess valuri. Tali valuri huma esagerati u assurdi u joriginaw minn stimi li ghamel ir-ragel ta' ohtha Maria Cacopardo, cioe il-perit Carmel Cacopardo, li l-eccipjenti halliet f'idejh fuq insistenza tieghu u meta rrimarkatlu li l-istimi kienu gholjin u ezagerati, hu qalilha li ghandha tuza lilhom ghal *causa mortis*.

9. Illi nkwantu ghalhekk ghat-talbiet attrici l-eccipjenti issostni s-segwenti:

A. Kwantu ghal legittima mill-wirt ta' Maria Pizzuto:

(a) L-eccipjenti taqbel ma l-ewwel talba

(b) L-eccipjenti ma taqbilx li l-likwidazzjoni tas-sehem riservat ghandu jkun ibbazat fuq il-valuri msemmija fil-*causa mortis* ta' ommha.

B. Kwantu ghal wirt ta' Joseph Pizzuto:

(a) L-eccipjenti taqbel mat-tielet talba

(b) L-eccipjenti, filwaqt li s-ssostni li l-garage u l-fond 4, Palm Street, Paola, huma fil-fatt l-istess fond, ma taqbilx li l-attrici ghandha xi sehem indiviz minnu stante li dan hu kompriz fil-legat imholli lill-eccipjenti kif spjegat fil-paragrafu 4 ta' din ir-risposta.

(c) L-eccipjenti ma taqbilx li l-attrici ghandha xi sehem indiviz tal-pjan terran tad-dar 83, Paola Square, Paola kif ukoll spjegat fil-paragrafu 4 ta' din ir-risposta.

(d) L-eccipjenti ma taqbilx li l-attrici ghandha xi sehem mill-flus kontanti li kellu missierha fid-dar 83, Paola Square, Paola, kif spjegat fil-paragrafu 5 ta' din ir-risposta. Inoltre ma taf bl'ebda oggetti mobbli appartenenti lil missierha li ma kienux fid-dar fil-mument tal-mewt tieghu.

(e) L-eccipjenti ssostni li l-hames talba dedotta ghandha tigi michuda stante li l-eccipjenti tgwadi d-dritt esklussiv u gratuwitu ta' abitazzjoni tal-fond 4, Palm Street, Paola, liema dritt gie imholli sija minn missierha u sija fi kwalunkwe kaz minn ommha, anke tramite l-legato di cosa altrui.

Bl-ispejjez.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Anthony Pizzuto li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi t-talbiet attrici ma jistghux jintlaqghu fil-konfront tal-esponenti stante li l-esponenti rrinunzja ghall-wirt ta' ommu

Maria Pizzuto u dan skond dikjarazzjoni ta' rinunzja ta' wirt li saret quddiem il-Qorti kompetenti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kawza odjerna hija wahda intempestiva almenu fil-konfront tal-esponenti, u kwindi mghandux jigi kkundannat ihallas spejjez stante li hu ma giex debitament notifikat bl-ittra ufficjali bin-numru 133/16 (Dok. MF 15 mar-rikors promotur) u ghalhekk hu ma nghatax ic-cans illi jgib il-posizzjoni tieghu a konjizzjoni tar-rikorrenti.

3. Illi subordinatament l-attrici trid tipprova illi r-rinunzja taghha tal-wirt giet debitament insinwatha.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'.

Rat in-nota ta' Rene Pizzuto fejn iddikjara kif isegwi:

'Li permezz taghha qieghed jaghmel tieghu r-risposta guramentata gja inserita f'dawn l-atti **tal-konvenuta Miriam Cacopardo** Karta tal-identita numru 297457M b'dana pero illi n-nota relattiva li permezz taghha huwa ma accetax il-wirt spettanti lilu mill-eredita tan nanna paterna tieghu Maria Pizzuto armla minn Joseph, bint il-mejtin Giovanni sive John Grima u Rosaria nee Vella, Karta ta' l-identita numru 134825(M) li mietet fil 25 ta' Novembru 2015 kif regolat permezz tat-testmenti taghha tal-4 ta' April 2002 fl-atti tan-Nutar Joseph Saydon, tal-25 ta' Settembru 2002 fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef u tas-16 ta' Awwissu 2006 fl-atti tan-Nutar Maria Christina Saydon, u fejn zamm ferm id-dritt tieghu ghall-legittima gietipprezentata Fil-Qorti Civili

(Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja fit 3 ta' Gunju 2016 (DOK RP1).'.

Rat ix-xiehda, xiehda in subizzjoni, affidavits, certifikati, ricerki testamentarji, testmenti, dikjarazzjoni *causa mortis*, ittri ufficjali, noti ta' rinunzja, kuntratti, stima ex-parte, statements, rapporti, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-24 ta' Ottubru, 2017 a fol. 220 tal-process fuq talba tal-konvenuta Jane Pizzuto, l-Qorti permezz ta' digriet innominat lil Perit David Pace sabiex jaghmel stima tal-immobbli fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni, cioe' fid-data tal-mewt ta' kull genitur, bl-ispejjez jinqasmu bejn il-kontendenti skont il-kwoti taghhom;

Rat ir-rikors tal-Perit Tekniku David Pace fejn informa lill-Qorti li xi zmien ilu l-konvenuta Jane Pizzuto kienet klienta tieghu u wara li r-rikorrenti wriet ix-xewqa li jinhatar Perit Tekniku iehor talab li jigi sostitwit sabiex il-partijiet ikunu jistghu jipproponu Perit iehor ghal kariga;

Rat id-digriet tal-Qorti tat-23 ta' Novembru, 2017 a fol. 222 tal-process fejn permezz tieghu l-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Perit Mario Cassar bl-istess inkarigu u fakultajiet;

Rat ir-rikors tal-attrici ntavolat nhar l-10 ta' Jannar, 2018 fejn permezz tieghu talbet li l-Qorti joghgobha tezenta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u/jew rapprezentant tieghu mis-sigriet professjonali sabiex ikunu jistaw jaghtu x-xiehda taghhom, rat ir-risposta ta' l-konvenuta Jane Pizzuto a fol. 233 u rat id-

digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tat-28 ta' Frar, 2018 fejn il-Qorti cahdet it-talba kif dedotta;

Rat ir-rikors tal-attrici ntavolat nhar is-7 ta' Mejju, 2018 fejn permezz tieghu talbet li invista li hadd mill-partijiet ma hallas id-drittijiet dovuti lill-Perit Tekniku jigi sostitwit il-kliem fid-digriet moghti fit-23 ta' Novembru, 2017 b'dan li l-ispejjez jigu provvizorjament mhallsa mill-attrici u dan b'rizerva li jigu apporzjonati iktar il' quddiem mas-sentenza finali skond kif tiddeciedi l-Qorti u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta moghti fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2018 fejn permezz tieghu laqghet it-talba;

Rat ir-rikors tal-attrici ntavolat nhar id-9 ta' Marzu, 2018 fejn permezz tieghu talbet li l-informazzjoni relatata ma' dikjarazzjonijiet ta' income tax returns u repatriation schemes tigi zvelata u dan taht il-provvedimenti li l-Onorevoli Prim Ministru u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jhossu idonji fic-cirkostanzi, rat ir-risposti tal-konvenuta Jane Pizzuto ntavolata nhar it-23 ta' April, 2013 u ta' Maria sive Miriam Cocopardi ntavolata nhar it-30 ta' April, 2018 u d-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tat-8 ta' Mejju, 2018 a fol. 310 *et seq* tal-process fejn il-Qorti cahdet it-talba;

Rat in-nota tal-attrici Maria Dolores Ferris a fol. 326 tal-process fejn permezz taghha rriservat id-dritt taghha skond l-Artikolu 677 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-konvenuta Maria sive Miriam Cocopardo ntavolata nhar il-25 ta' Mejju, 2018 a fol. 327 tal-process fejn permezz taghha talbet il-hatra ta' periti perizjuri;

Rat il-verbal tal-14 ta' Gunju, 2018 fejn Dr Mark Attard Montalto ghall-attrici Maria Dolores Ferris in vista tar-rikors tal-10 ta' Mejju, 2018 informa li mhux ser jibqa jinsistu fuq ix-xiehda tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, izda jinforma lil din l-Onorabbli Qorti li fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2018 ser jingungi xi xhud;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar intavolat nhar il-15 ta' Frar, 2018 u mahluf nhar l-14 ta' Gunju, 2018 a fol. 331 *et seq* tal-process fl-liema rapport l-istima saret tal-fondi separatament bi qbil bejn id-difensuri prezenti ghall-access;

Rat illi fil-verbal tal-14 ta' Gunju, 2018 id-difensuri prezenti talbu li l-inkarigu tal-Perit jigi estiz sabiex jaghmel stima tal-erba' (4) proprjetajiet bhala proprjeta' intiera, stante li huma inter konnessi u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta fejn laqghet it-talba bl-ispejjez provvizorjament a karigu tal-attrici;

Rat in-noti ta' rinunzja ta' Rene Pizzuto a fol. 351 *et seq* tal-process;

Rat in-nota ta' rinunzja ta' Anthony Pizzuto a fol. 364 tal-process;

Rat ir-rapport addizzjonali tal-Perit Tekniku Mario Cassar a fol. 333 *et seq* tal-process intavolat nhar id-9 ta' Lulju, 2018 u mahluf nhar il-15 ta' Novembru, 2018 tal-process fejn permezz tieghu gew ivvalutati l-erba' proprjetajiet bhala proprjeta' intiera;

Rat in-nota tal-attrici datata 3 ta' Dicembru, 2019 li permezz taghha l-attrici rrinunzjat 'fil-konfront tal-konvenut Rene Pizzuto biss limitatament ghat-tielet (3), raba' (4) u hames talba tar-rikors guramentat u dan ai fini ghall-ispejjez tal-kawza, in vista ta' dak li xehed l-istess Renee' Pizzuto fil-5 ta' Lulju 2018 a fol. 355 et seq

tal-kawza, u in vista tad-dok RP 1 u RP 2 anness man-nota a fol. 353 u a fol. 351.'

Rat illi fil-verbal datat 26 ta' Jannar, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**Fatti:**

Illi l-fatti huma s-segwenti:

1. Illi l-attrici Maria Dolores Ferris, flimkien mal-konvenuti Jane Pizzuto, Maria sive Miriam Cacopardo u Anthony Pizzuto huma wlied il-mejtin Joseph Pizzuto u Maria Pizzuto nee' Grima. Il-konvenut Rene' Pizzuto dahal fiz-zarbun ta' missieru l-mejjet Paul Pizzuto wkoll iben il-mejtin Joseph u Maria Pizzuto li gie nieqes fid-9 ta' Frar, 2010 (ara certifikat tal-mewt a fol. 7 tal-process).

2. Illi Joseph Pizzuto miet nhar l-10 ta' Dicembru, 1987 (ara certifikat tal-mewt a fol. 8 tal-process) u rregola l-wirt u successjoni tieghu b'zewg testmenti *unica charta* wiehed datat 6 ta' Marzu, 1986 (ara testment a fol. 17 *et seq* tal-process) u iehor addizzjonali datat 21 ta' Mejju, 1986 (ara testment a fol. 23 *et seq* tal-process) it-tnejn fl-atti tan-Nutar

Joseph H. Saydon (ara ricerki testamentarji a fol. 10 *et seq* tal-process).

Fid-disposizzjonijiet testamentarji tieghu l-aktar ta' rilevanza fit-testment tas-6 ta' Marzu, 1986 huwa s-segwenti:

i. Fl-ewwel Artikolu - It-testatur Joseph Pizzuto halla lill-martu Maria Pizzuto b'titolu ta' legat l-uzufrutt tal-beni kollha tieghu.

ii. Fit-tielet Artikolu – It-testatur Joseph Pizzuto halla lil bintu Josephine sive Jane Pizzuto b'titolu ta' legat dak kollu li jkun jinsab fid-dar tal-abitazzjoni tieghu a limine inkluz l-ghamara u effetti mobbli kollha, oggetti tad-deheb, fidda, hagar u metall prezzjuz u l-flus kontanti, eskluz il-kotba tal-bank u titoli li jirrapprezentaw flus.

iii. Fir-raba' Artikolu – It-testatur halla b'titolu ta' legat lil dawk minn uliedu li jkunu fil-mument tal-mewt tat-testatur superstiti ghadhom xebba/guvni u jkunu ghadhom jabitaw mat-testatur superstiti d-dritt ta' abitazzjoni gratwita fid-dar ta' abitazzjoni tat-testatur ghaz-zmien tac-celibat.

iv. Fil-hames Artikoli – It-testatur halla b'titolu ta' legat in piena proprjeta' lil uliedu Jane u Anthony ahwa Pizzuto l-hanut bl-isem ta' 'Merryland' li jinsab fil-Casal Paola, Paola bhala kumpens tax-xoghol, kuri u servigi resi lit-testatur.

v. Fis-sitt Artikolu – It-testatur salv il-premess innomina u istitwixxa bhala werrieta universali tieghu lill-hames (5) uliedu Jane, Anthony, Paul, Doris mart Anthony Ferris u Miriam ahwa Pizzuto fi kwoti ugwali u ndivizi bejniethom.

vi. Fis-seba' Artikolu – It-testatur halla lis-superstiti l-fakulta' li jvarja t-testment.

Konsegwentement fid-disposizzjonijiet testamentarji tieghu tat-testment tal-21 ta' Mejju, 1986 varja s-segwenti:

i. It-testatur ikkonferma fl-intier tieghu il-precitat testment u ziedu s-segwenti:

   B'titolu ta' legat in piena proprjeta' lil uliedu Anthony u Jane ahwa Pizzuto mhux biss il-hanut 'Merryland' Paola Square, Casal Paola, izda wkoll il-kmamar kollha fil-pjan terren u retroposti ghal istess hanut illum uzati bhala kcina u kamra tal-banju u l-bitha retroposta ghal istess hanut.

3. Illi Maria Pizzuto xebba Grima mietet nhar il-25 ta' Novembru, 2014 (ara certifikat tal-mewt a fol. 9 tal-process) u rregolat il-wirt u successjoni taghha b'tlett testmenti wiehed datat 4 ta' April, 2002 fl-atti tan-Nutar Joseph H Saydon (ara testment a fol. 50 *et seq* tal-process), iehor datat 25 ta' Settembru, 2002 fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef (ara testment a fol. 54 *et seq* tal-process) u fis-16 ta' Awwissu, 2006 fl-atti tan-Nutar M'Christina Saydon (ara testment a fol.

57 *et seq* tal-process) (ara ricerki testamentarji a fol. 26 *et seq* tal-process).

Fid-disposizzjonijiet testamentarji taghha l-aktar ta' rilevanza mit-testment tal-4 ta' April, 2002 huma s-segwenti:

i. Fl-ewwel Artikolu – It-testatrici halliet b'titolu ta' prelegat in piena proprjeta' lil bintha Jane Pizzuto s-segwenti:

   a) Il-gojjelli tad-deheb, fidda, hagar u metal prezzjuz liema oggetti huma parafernali taghha;

   b) L-oggetti mobbili kollha ezistenti a limine intus god-dar 83, Paola Square, Casal Paola, li ghandha bieb iehor ta' garage numru 4, Palm Street, Casal Paola, inkluz wkoll l-oggetti tad-deheb, fidda, hagar u metall prezzjuz eskluz il-kotba tal-bank u titoli li jirrapprezentaw flus;

   c) Il-hanut 'Merryland' numru 83, Paola Square, Casal Paola. It-testatrici ddikjarat li hija taf li parti zghira minn dan il-hanut ma tappartjenix lilha madanakollu xorta ddikjarat li trid u tordna li dan il-hanut minnha mholli bi prelegat jigi percepit fl-intier tieghu minn Jane Pizzuto. Iddikjarat ukoll li l-merkanzija u l-istock in trade ta' haberdashery huma proprjeta' tal-istess Jane Pizzuto;

d) Kull sehem li hija tipposjedi mid-dar bin-numru 83, Paola Square, Casal Paola li ghandha bieb iehor ta' garage bin-numru 4, Palm Street, Casal Paola. Dan il-prelegat thalla bhala kumpens tal-kuri u servigi li l-istess Jane Pizzuto ghamlet maghha l-fuq minn 26 sena.

ii. Fit-tieni Artikolu – It-testatrici halliet b'titolu ta' prelegat lil bintha Jane Pizzuto, jekk fil-mument ta' mewta tkun ghadha xebba, u tkun tabita mat-testatrici, id-dritt ta' abitazzjoni esklussiv u gratwit fid-dar ta' abitazzjoni tat-testatrici bin-numru 83, Paola Square, Casal Paola u li ghandha bieb iehor ta' garage bin-numru 4, Palm Street, Casal Paola ghaz-zmien ta' celibat. It-testatrici ddikjarat li parti zghira minnha tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti pero' nonostante hija xorta trid u tordna li dan il-legat jigi percepit f'intier tieghu mill-imsemmija legatarja.

iii. Fit-tielet Artikolu - It-testatrici nnominat u stitwiet bhala werrieta universali taghha lill-hames (5) uliedha Paul, Maria Doris mart Anthony Ferris, Jane, Anthony u Maria Josephine mart Carmel Cacopardo ahwa Pizzuto fi kwoti ugwali u ndivizi bejniethom.

iv. Fir-raba' Artikolu – It-testatrici ordnat li jekk xi hadd mill-eredi jittenta jimpunja t-testment ghal xi wahda mir-ragunijiet elenkati hu jiddekadi minn kwalunque beneficcju lilu mholli u jippercepixxi l-legittima spettanti skont il-ligi.

Konsegwentement fid-disposizzjonijiet testamentarji taghha tat-testment tal-25 ta' Settembru, 2002 filwaqt li kkonfermat u rratifikat it-testment precedenti tal-4 ta' April, 2002 varjat is-segwenti:

i. It-testatrici hassret it-tieni artikolu tal-imsemmi testment u jigi mibdul bis-segwenti:

   Halliet b'titolu ta' prelegat lil bintha Jane Pizzuto d-dritt ta' abitazzjoni fid-dar numru 83, Paola Square, Casal Paola b'bieb iehor ta' garage bin-numru 4 fi Triq Palma, Casal Paola liema prelegat jibqa fis-sehh tul il-hajja kollha ta' Jane Pizzuto, bla hlas tul hajjitha kollha kemm jekk tkun ghadha xebba kif ukoll dahlet fi zwieg jew tikkoabita' ma terz. Hija ddikjarat li taf li parti zghira minn din id-dar hija proprjeta' tal-mejjet zewgha Joseph Pizzuto pero' xorta wahda tordna li dan il-prelegat isehh wara mewtha.

Isegwi li fid-disposizzjonijiet testamentarji taghha tat-testment tas-16 ta' Awwissu, 2006 ghamlet modifika fit-testment taghha tal-4 ta' April, 2002 billi rrevokat is-segwenti:

i. Fl-ewwel Artikolu – It-testatrici rrevokat dan l-artikolu u ddisponiet bil-mod kif gej:

   It-testatrici oltre l-prelegati mhollija lil bintha Jane Pizzuto halliet b'titolu ta' prelegat lil bintha Jane Pizzuto u lil zewgha u wliedha d-dar ta' abitazzjoni esklussiva u gratuita bin-numru 83, Paola Square, u li ghandha bieb

iehor bin-numru 4 fi Palm Street, Casal Paola liema prelegat ikompli jsehh vita durante. It-testatrici ddikjarat li taf li d-dar ma tappartjeniex kollha lilha peress li parti zghira minnha tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ma' zewgha Joseph Pizzuto pero' xorta trid u tordna li dan il-prelegat jigi percepit fl-intier tieghu lil prelegatarja.

4. Illi fl-14 ta' Mejju, 2015 il-konvenuta Jane Pizzuto ghamlet id-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' ommha Maria Pizzuto fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon a fol. 103 *et seq* tal-process.

5. Illi fl-14 ta' Jannar, 2016 l-attrici Maria Dolores sive Doris Ferris intavolat nota ta' rinunzja ghall-wirt u successjoni ta' ommha Maria Pizzuto xebba Grima izda zammet ferm id-dritt taghha ghall-legittima/sehem riservat (ara nota ta' rinunzja a fol. 60 tal-process).

   Fl-14 ta' Jannar, 2016 l-attrici Maria Dolores Ferris intavolat ukoll ittra ufficjali bin-numru 133/16 kontra l-konvenuti fejn permezz taghha talbet is-sehem riservat ta' Maria Pizzuto u nterpellat lill-intimata Jane Pizzuto sabiex taghti access lill-mittenti fil-proprjetajiet 83, Paola Square, Paola u 4, Palm Street, Paola bl-ispejjez u bl-interessi ai termini tal-Artikolu 615 *et seq* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) (ara ittra a fol. 63 u fol. 65 tal-process).

   Jigi nnutat li l-konvenut Anthony Pizzuto fit-tieni eccezzjoni tieghu eccepixxa li l-kawza fil-konfront tieghu hija ntempestiva stante li ma giex notifikat bl-ittra ufficjali. Mill-kopja tan-notifika tal-ittra ufficjali a fol. 64 tal-process

jirrizulta li huwa minnu li Anthony Pizzuto ma giex notifikat bl-imsemmija ittra ufficjali.

6. Illi jirrizulta li l-intimata Miriam Coccopardo rrinunzjat ghall-wirt u successjoni ta' ommha Maria Pizzuto permezz ta' nota ta' rinunzja ntavolata nhar il-11 ta' Mejju, 2016 u dan minghajr pregudizzju ghall-legittima/sehem riservat mill-ligi (ara nota ta' rinunzja a fol. 77 tal-process).

7. Illi l-konvenut Rene Pizzuto wkoll irrinunzja ghall-wirt u successjoni ta' nanntu Maria Pizzuto permezz ta' nota ta' rinunzja a fol. 88 tal-process b'dan li zamm ferm id-dritt tieghu ghall-legittima (ara nota ta' rinunzja a fol. 88 u fol. 352 tal-process).

   Jigi nnutat li sussegwentament fil-mori tal-kawza l-konvenut Rene Pizzuto ntavola kopja ta' nota ta' rinunzja li kienet giet intavolata fid-9 ta' Lulju, 2010 fejn permezz taghha rrinunzja ghall-wirt u successjoni ta' missieru Paul Pizzuto u ma zamm l-ebda riserva fil-konfront tal-porzjoni riservat (ara nota ta' rinunzja a fol. 354 tal-process).

8. Illi l-konvenut Anthony Pizzuto ntavola nota ta' rinunzja ghall-wirt u successjoni ta' ommu Maria Pizzuto nhar is-27 ta' Mejju, 2016 a fol. 364 tal-process fejn permezz taghha zamm fermi l-jedd ta' *legittimo portio* spettanti lilu skond il-ligi.

   Sussegwentament meta xehed fis-seduta tad-29 ta' Settembru, 2020 a fol. 401 *et seq* tal-process ix-xhud iddikjara

li huwa jirrinunzja wkoll ghall-legittima fuq il-wirt ta' ommu Maria Pizzuto.

9. Fil-mori tal-kawza l-attrici Maria Dolores sive Doris Ferris intavolat nota li permezz taghha rrinunzjat fil-konfront tal-konvenut Rene Pizzuto biss limitatament ghat-tielet, raba' u hames talbiet tar-rikors guramentat u dan ai fini tal-ispejjez tal-kawza. Dan sar in vista ta' dak li xehed Rene Pizzuto fil-5 ta' Lulju, 2018 u in vista tan-noti ta' rinunzja ntavolata a fol. 353 u fol. 351 tal-process (ara nota a fol. 383 tal-process).

10. Illi l-attrici Maria Dolores sive Doris Ferris prosegwiet billi ntavolat il-kawza odjerna fejn talbet fost affarijiet ohrajn li jigi likwidat is-sehem riservat mill-wirt ta' ommha Maria Pizzuto u li tigi kkonfermata eredi ta' missierha Joseph Pizzuto u konsegwentament tikkonferma fil-kwoti ndikati.

**Likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Maria Pizzuto u hlas tas-sehem riservat lil Maria Dolores sive Doris Ferris:**

Kif sottomess aktar 'il fuq Maria Pizzuto giet nieqsa nhar il-25 ta' Novembru, 2014 u ghalhekk japplikaw ghall-kawza odjerna l-Artikoli 615 *et seq* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) kif emendat bl-Att XVIII.2004 u bl-Att XV.2012.

Illi d-dritt tas-sehem riservat huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mill-ligi favur id-dixxendenti tad-decuius. L-Artikoli 615 u 616 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jaqraw kif isegwi:

‘615 (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa’ ħaj.

(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma’ dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta’ att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta’ sentejn:

Iżda l-Qorti tista’, fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta’ imgħax li tista’ tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.

616. (1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba’ fl-għadd jew nofs ta’ dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.

(2) Is-sehem riżervat jinqasam f’ishma indaqs bejn it-tfal li jmisshom minnu.

(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.’

Illi dwar ir-rijunjoni fittizja tal-assi ereditarji sabiex jigi rikostruwit il-patrimonju kollu tad-decuius Alfred Walter Whelpdale l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Portelli et -vs- Rita Portelli et** deciza fil-15 ta' April, 2004 fejn inghad illi:

> 'Wieħed irid jirriporta ruhu għall-valur fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni...
> (a) Fl-ewwel lok għandhom jinġabru l-beni kollha fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni (relictum) u jingħata l-valur tagħhom fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni;
> (b) Minn dan l-ammont għandu jinqata' d-dejn;
> (c) Mal-bilanċ li jibqa' għandu jiżdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni. Fl-artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili jingħad li din il-proprjetà "shall be fictitiously added" meħud in kunsiderazzjoni tal-valur tal-proprjetà fi żmien tal-apertura tas-suċċessjoni iżda fil-kundizzjoni li kienet meta ingħatat id-donazzjoni[1].
> B'hekk inkunu nistgħu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul ħajtu u wkoll permezz ta' dispożizzjonijiet testamentarji) jaqbiżx is-sehem li minnu seta' jiddisponi'.

Illi s-sehem riservat jkun dovut minn dak li jkun inhatar bhala werriet. Fil-kaz odjern bit-testment taghha tal-4 ta' April, 2002 it-testatrici Maria Pizzuto nnominat u stitwiet bhala werrieta universali taghha lill-hames (5) uliedha Paul, Maria Dolores mart Anthony Ferris, Jane, Anthony u Maria Josephine mart Carmel Coccopardo ahwa Pizzuto fi kwoti ugwali u ndivizi bejniethom.

---

[1] Wiehed izda ghandu jzomm f'mohhu l-emendi kwotati aktar il-fuq li jvarjaw din il-konkluzjoni tal-Qorti fejn fil-kaz odjern ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-valur ta' meta saret id-donazzjoni.

Kif indikat aktar il' quddiem fis-sezzjoni '**Fatti**', l-attrici Maria Dolores Ferris, flimkien mal-konvenuti Rene Pizzuto bhala werriet ta' Paul Pizzuto, Anthony Pizzuto u Maria Josephine Cacopardi rrinunzjaw ghall-wirt u successjoni ta' ommhom Maria Pizzuto b'diversi noti ta' rinunzja. Ghalhekk jifdal bhala werrieta l-konvenuta Jane Pizzuto. Dan qieghed jinghad peress li la darba l-konvenuta Jane Pizzuto baqghet l-unika werrieta kwalunkwe porzjoni riservat jirrizulta li huwa dovuta minnha.

**<u>Assi ereditarji tal-mejta Maria Pizzuto:</u>**
Jirrizulta lil din il-Qorti li l-assi ereditarji ta' Maria Pizzuto mad-data tal-mewt taghha kienu jikkonsistu fis-segwenti:

**<u>Immobbli li jirrizultaw mid-dikjarazzjoni *causa mortis* datata 14 ta' Mejju, 2015 a fol. 103 *et seq* tal-process:</u>**

1. Zewg terzi (2/3) indivizi mid-dar bin-numru 83, Paola Square, Paola; u,

2. Nofs (1/2) indiviz mid-dar bin-numru 4, Palm Street, Paola.

Illi dwar il-valur li ghandu jigi attribwit lill-immobbli appena ndikati, l-attrici Maria Dolores sive Doris Ferris fit-tieni talba taghha titlob li s-sehem riservat jigi likwidat fuq il-valur tal-immobbli dikjarat mill-konvenuta Jane Pizzuto fid-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-14 ta' Mejju, 2015. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ntavolata nhar it-18 ta' Frar, 2021 a fol. 419 *et seq* tal-process l-attrici tikkomputa s-sehem riservat tal-immobbli fuq l-ammont ta' €808,334.

Il-konvenuta Jane Pizzuto fir-risposta guramentata taghha ntavolata nhar is-16 ta' Mejju, 2016 a fol. 78 *et seq* tal-process fit-tmien (8) eccezzjoni tikkontesta bil-qawwa kollha l-istess valuri. Tghid li tali valuri huma ezagerati u assurdi u joriginaw minn stimi li ghamel ir-ragel ta' ohtha Maria Cacopardo, cioe' il-Perit Carmel Cacopardo li halliet f'idejh u fuq insistenza tieghu u meta rrimarkat li l-istimi kienu gholjin u ezagerati hu kien qallha li ghandhom jintuzaw dawk l-ammonti fil-*causa mortis*.

Illi stante li ma kienx hemm qbil fuq il-valur tal-immobbli permezz ta' digriet tal-24 ta' Ottubru, 2017 a fol. 220 tal-process, il-Qorti nnominat lill-Perit David Pace sabiex jaghmel stima tal-immobbli fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni, cioe' fid-data tal-mewt ta' kull genitur.

Illi jirrizulta li l-Perit Tekniku David Pace f'xi zmien kellu bhala klienta lill-konvenuta Jane Pizzuto u ghalhekk permezz ta' rikors tat-22 ta' Novembru, 2017 (fol. 221) talab li jigi sostitwit sabiex il-partijiet ikunu jistghu jipproponu Perit iehor ghal kariga. Permezz ta' digriet tat-23 ta' Novembru, 2017 il-Qorti kif diversament preseduta laqghet it-talba u ssostitwiet bil-Perit Mario Cassar bl-istess inkarigu u fakultajiet.

Illi l-Perit Tekniku Mario Cassar irrediega zewg rapporti fejn fl-ewwel wiehed li gie ntavolat nhar il-15 ta' Frar, 2018 u mahluf fl-14 ta' Gunju, 2018 a fol. 331 *et seq* tal-process, bhala valur tal-immobbli ghamel wiehed individwali ta' kull immobbli. Sussegwentement fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2018 wara talba tad-difensuri tal-partijiet prezenti fis-seduta, l-Qorti laqghet it-talba sabiex il-Perit Tekniku Mario Cassar jaghmel stima tal-erba' proprjetajiet bhala proprjeta' intiera stante li huma interkonnessi.

Dan it-tieni rapport gie ntavolat fl-atti nhar id-9 ta' Lulju, 2018 u mahluf nhar il-15 ta' Novembru, 2018 a fol. 333 *et seq* tal-process.

Illi l-Qorti tibda billi tirrileva li l-ammont li fuqu ser jigi kwantifikat il-porzjon riservat m'huwiex dak indikat mill-attrici Maria Dolores Ferris pero' huwa dak indikat fl-ahhar rapport tal-espert tekniku nominat minnha datat 9 ta' Lulju, 2018 bl-ammont ikun dak ta' €627,160. Il-Qorti temmen li huwa dan ir-rapport li l-aktar jevidenzja l-valur reali tal-proprjeta in kwistjoni u ghalhekk ser tghaddi sabiex taghmel taghha l-istess rapport.

Illi l-Qorti tirrileva wkoll li meta giet sabiex tikkwantifika l-ammont tal-porzjoni riservat rat li l-Perit Tekniku Mario Cassar fir-rapporti tieghu tal-15 ta' Frar, 2018 u tad-9 ta' Lulju, 2018 m'indikax l-arja superficjali ta' kull fond separat. Madankollu fl-ewwel rapport tal-15 ta' Frar, 2018 jaghti l-qisien ta' kull kamra f'kull fond, fit-tieni rapport tad-9 ta' Lulju, 2018 jindika l-arja superficjali tal-fondi flimkien li huwa dak ta' 126m$^2$. Stante li l-mejta Maria Pizzuto kellha mill-fond 83, Paola Square, Paola aktar minn nofs indiviz din il-Qorti ma tistax tghaddi sabiex tikkwantifika l-porzjon riservat billi taqsam l-ammont vvalutat u cioe' dak ta' €627,160 bin-nofs pero' ghandha ssib l-arja superficjali ta' kull fond u tahdem il-porzjoni riservat fuq l-imsemmija arja superficjali.

Jirrizulta li l-fondi kellhom is-segwenti arja superficjali:

i. 26m$^2$ – kejl fl-intier tal-fond 4, Palm Street, Paola b'dan li nofs indiviz (1/2) rapprezentanti l-kwota ta' Maria Pizzuto mill-fond imsemmi huwa dak 13m$^2$;

ii. 100m$^2$ – kejl fl-intier tal-fond 83, Paola Square, Paola b'dan li zewg terzi ndiviz (2/3) rapprezentanti l-kwota ta' Maria Pizzuto mill-fond imsemmi huwa dak ta' 66.67m$^2$.

Il-Qorti tirrileva li hija harget l-arja superficjali tal-fond 4, Palm Street, Paola billi hadet il-qies tal-garaxx u cioe' dak ta' 5m$^2$ x 5.2m$^2$ liema qies johrog mir-rapporti tal-Perit Tekniku Cassar. Filwaqt li l-kejl tal-fond 83, Paola Square, Paola nhareg billi mill-intier u cioe' minn 126m$^2$ tnaqqas l-ammont tal-garaxx u cioe' dak ta' 26m$^2$.

Ghalhekk il-porzjoni riservat ghandha tinhadem fuq il-valuri segwenti:

i. 13m$^2$ minn total ta' 126 m$^2$ (bil-valur totali ta' €627,160, valur fis-sena tal-mewt) = €64,706.98

ii. 66.67m$^2$ minn total ta' 126 m$^2$ (bil-valur totali ta' €627.160, valur fis-sena tal-mewt) = €331,847.28

Total: €64,706.98 +
<u>€331,847.28</u>
**<u>€396,554.26</u>**

**Porzjon riservat - 1/10 x €396,554.26 = €39,665.43**

**<u>Flus il-bank u investimenti:</u>**

Illi l-attrici Maria Dolores Ferris ingungiet ghadd ta' xhieda sabiex jigi stabbilit xi flus u nvestimenti kellha l-mejta Maria Pizzuto.

Mix-xiehda migbura rrizulta li l-mejta kellha kontijiet bankarji unikament mal-HSBC Bank Malta plc (ara x-xhieda ta' Audrey Ghigi a fol. 193 *et seq* tal-process) u mal-APS Bank Malta plc (ara x-xhieda ta' David Galea a fol. 191 *et seq* tal-process). Madanakollu jirrizulta li l-imsemmija kontijiet bankarji gew maghluqa ferm qabel ma' Maria Pizzuto giet nieqsa b'dan li m'ghandhomx jidhlu fil-komputazzjoni tal-porzjon riservat.

Jirrizulta Maria Pizzuto (ara x-xhieda ta' Melissa Mamo a fol. 216 tal-process) ma kellha l-ebda investimenti ohra.

**<u>Flus kontanti, ghamara u deheb:</u>**

Illi fl-atti ma tressqu l-ebda provi dwar x'kellha bhala flus kontanti, ghamara u deheb il-mejta Maria Pizzuto. L-uniku accenn li sar kien in kontro-ezami tal-konvenuta Jane Pizzuto fejn giet mistoqsija fis-seduta ta' nhar il-21 ta' Jannar, 2020 a fol. 388a *et seq* tal-process u fis-seduta ta' nhar it-3 ta' Novembru, 2020 a fol. 411 *et seq* tal-process fejn l-intimata cahdet kategorikament li ommha Maria Pizzuto kellha flus kontanti, ghamara u deheb. Irrizulta biss mix-xiehda li l-uniku flus kontanti li kienu jezistu kienu l-ispejjez tal-funeral u dawn intuzaw appuntu biex jithallas il-funeral tant li mhux kontestat mir-rikorrenti li kienet l-intimata li hallset l-ispejjez tal-funeral.

Stante li ma rrizultawx provi dwar flus kontanti, ghamara u deheb tal-mejta Maria Pizzuto, l-Qorti ma tistax tghaddi sabiex tikkalkola xi sehem riservat relatat mal-istess.

**Imghax:**

Illi fit-tieni talba taghha l-attrici Maria Dolores Ferris apparti l-likwidazzjoni tas-sehem riservat titlob l-imghax legali skont l-Artikolu 615 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) mid-data ta' intavolar ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' Jannar, 2016 sal-pagament effettiv.

Illi s-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 615 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi li jekk l-imghax ma jintalabx fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni dan jkun dovut mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju. Jipprovdi wkoll li l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jinhtiegu tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax anqas minn dik stabbilita' fl-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili. Is-sub-artikolu 2 jaqra kif isegwi :

> '(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax litista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.'

Jirrizulta li l-attrici ntavolat ittra ufficjali bin-numru 133/14 nhar l-14 ta' Jannar, 2016 liema ittra ufficjali giet notifikata lill-konvenuta Jane Pizzuto nhar it-18 ta' Jannar, 2016 (ara ittra ufficjali a fol. 63 *et seq* tal-process). Maria Pizzuto mietet nhar il-25 ta' Novembru, 2014 u ghalhekk l-ittra ufficjali giet intavolata entro t-terminu ta' sentejn stipulat fl-artikolu succitat.

Madanakollu jinghad li l-Qorti ma tistax tmur oltre dak li gie mitlub mill-istess attrici fir-rikors guramentat taghha stante li fl-istess rikors l-attrici talbet l-imghax mid-data tal-ittra ufficjali u li a fol. 60 id-data tirrizulta li hi l-14 ta' Jannar, 2016 (erronjament indikata bhala 2015 fir-rikors guramentat). Il-Qorti ser tghaddi ghalhekk sabiex tiddikjara li l-attrici ghandha l-jedd ghall-imghax legali fuq il-kreditu taghha likwidat aktar il-fuq mid-data tal-14 ta' Jannar, 2016 u cioe' mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

**<u>Divizjoni tal-assi tal-missier Joseph Pizzuto:</u>**

Illi din il-parti tal-kawza hija hekk imsejha *actio familiae erciscundae* li permezz taghha l-attrici qieghda titlob li tigi konfermata bhala eredi ta' missierha Joseph Pizzuto fil-kwoti ndikati fit-talbiet.

Illi l-konvenuta Jane Pizzuto fir-risposta guramentata taghha fl-eccezzjoni bin-numru 9 qablet li l-attrici tigi kkonfermata bhala eredi ta' missierha Joseph Pizzuto li miet fl-10 ta' Dicembru, 1987 ghalkemm ma qablitx fost affarijiet ohra li l-attrici ghandha xi sehem mill-garaxx bin-numru 4 fi Triq Palma, Paola, mill-pjan terran tad-dar bin-numru 83, Paola Square, Paola u xi sehem mill-flus kontanti li kellu missierha.

Illi l-imsemmi Joseph Pizzuto miet testat nhar l-10 ta' Dicembru, 1987. Kif irrizulta aktar il' quddiem huwa kien mizzewweg ma' Maria Pizzuto nee' Grima u kellu hamest itfal, b'dan li l-wirt u successjoni tieghu ghaddiet f'idejhom fil-kwoti rispettivi taghhom salv id-disposizzjonijiet *inter alia* fejn thallew legati u dritt ta' abitazzjoni. Din il-Qorti a skans ta' ripetizzjoni tirreferi ghad-disposizzjonijiet testamentarji li gew indikati in sintesi fil-parti tal-'**Fatti**'.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Emmanuela Jeffries et -vs- Raymond Jeffries et** deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla nhar it-28 ta' Novembru, 2013 dwar din l-azzjoni msejha l-*actio familiae erciscundae* nghad illi:

> 'Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta' ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid in natura, (b) f'kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita' ta' mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur u (ċ) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs.'

Inghad ukoll mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Assunta Chircop -vs- Pawlu Calleja et** deciza nhar it-12 ta' Novembru, 1951 illi:

> 'Meta tigi ezercitata l-azzjoni ghall-qasma ta' assi ereditarju ghandu jingieb ghall-qasma dak kollu li jidhol f'dak l-assi, b'mod illi m'ghandu jibqa' xejn indiviz minn dak li jidhol f'dak l-assi. Ghalhekk, fil-likwidazzjoni preordinata ghall-qasma ghandhom jigu migjuba l-beni kollha formanti parti

mill-assi; ghax divizjonijiet parzjali ma humiex permessi jekk ma jkunx hemm il-kunsens tal-kondividenti kollha li jhallu in komun xi haga li ghandha tkun espressament u partikolarment indikata. Ghaldaqstant jekk l-assi ereditarju li tieghu tintalab il-qasma jkollu sehem minn assi ohra li ghad ma gewx likwidati, dak l-assi ma jistax jigi likwidat u maqsum qabel ma ssir il-likwidazzjoni ta' dawk l-assi l-ohra biex jigi stabbilit is-sehem li minn dawk l-assi l-ohra jmiss is-sehem li tieghu tintalab il-qasma'.

**<u>Assi in divizjoni tat-testatur Joseph Pizzuto:</u>**

**<u>Assi mmobbli:</u>**

Mill-atti jirrizulta li l-mejjet Joseph Pizzuto kien proprjetarju tas-segwenti mmobbli:

1. Terz indiviz (1/3) mid-dar bin-numru 83, Paola Square, Paola; u,

2. Nofs indiviz (1/2) mid-dar bin-numru 4, Palm Street, Paola.

Bit-testmenti *unica charta* tas-6 ta' Mejju, 1986 u tal-21 ta' Mejju, 1986 it-testatur Joseph Pizzuto nnomina u stitwixxa bhala eredi universali tieghu lill-hames uliedu Jane, Anthony, Paul, Doris mart Anthony Ferris u Miriam mart Carmel Coccopardo. Dan ifisser li kull wiehed u wahda mill-eredi ghandhom 1/10 sehem indiviz. Madanakollu jigi notat li t-testatur Joseph Pizzuto halla diversi legati u dritt ta' abitazzjoni favur tnejn minn uliedu. Ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina dak li fil-fatt

mess lill-attrici mill-wirt u successjoni ta' missierha Joseph Pizzuto.

Dar bin-numru 83, Paola Square, Paola:

Illi l-attrici fir-raba' talba bin-punt immarkat bhala b. titlob li tigi kkonfermata bhala proprjetarja ta' 1/5 indiviz u/jew dak is-sehem verjuri li tiddetermina l-Qorti tad-dar bin-numru 83, Paola Square, Paola (eskluz l-hanut Merryland, 83, Paola Square, Paola kif spjegat fid-dikjarazzjoni 4(iii) ta' dan ir-rikors guramentat) soggett ghad-dritt ta' abitazzjoni a favur ta' Jane Pizzuto, provenjenti mill-wirt ta' missierha Joseph Pizzuto.

Illi l-Qorti tqis li f'dan l-istadju jkun opportun li tikkwota *ad verbatim* l-hames Artikolu tat-testment *unica charta* tas-6 ta' Marzu, 1986 fejn jiddisponi s-segwenti:

> 'Il Hames artikolu
>
> It-testaturi qieghdin jhallu b'titolu ta legat in piena proprieta lill uliedhom Anthony u Jane ahwa Pizzuto il hanut li qieghed Casal Paola, Paola Square igib l'isem "Merryland", u dan bhala kumpens tax-xoghol, kuri, u servigi resi lit-testatur.'

Huwa opportun wkoll li jigi kkwotat *ad verbatim* l-ewwel artikolu tat-testment *unica charta* tal-21 ta' Mejju, 1986 li permezz tieghu t-testatur kompla jzid mal-artikolu kkwotat precedentament is-segwenti:

'L'Ewwel artikolu

It testaturi filwaqt li jikkonfermaw fl-intier tieghu il precitat testment taghhom pubblikat fl'atti tieghi fis sitta ta Marzu elf disa mija sitta u tmenin, jkomplu jzidu ma' l-istess testment dan li gej :-

"It-testaturi jhallu b' titolu ta legat in piena proprieta lill uliedhom Anthony u Jane ahwa Pizzuto mhux biss il hanut "Merryland" Paola Square, Casal Paola izda wkoll il kmamar kollha fil pjan terren u retroposti ghal istess hanut illum uzati bhala kcina u kamra tal banju, u il bitha retroposta ghal istess hanut.'

Minn qari ta' dawn l-artikoli jirrizulta li l-attrici Maria Dolores Ferris m'ghandha l-ebda sehem indiviz mill-pjan terran tal-fond 83, Paola Square, Paola peress li dan thalla b'titolu ta' legat fi piena proprjeta' lill-konvenuti Jane u Anthony ahwa Pizzuto. Isegwi ghalhekk li l-pretensjonijiet tal-attrici jistghu biss ikunu fil-konfront tal-sulari suesposti.

Illi jigi nnutat li sehem it-testatur Joseph Pizzuto fil-fond imsemmi kien dak ta' terz indiviz u dan peress li huwa flimkien ma' martu Maria Pizzuto xebba Grima kien xtara u akkwistaw permezz ta' kuntratt ta' xiri datat 7 ta' Lulju, 1977 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia minghand George u Carmela ahwa Grima (hut l-mejta Maria Pizzuto) il-kwota ta' zewg terzi ndivizi mill-fond 83, Paola Square, Paola (ara kuntratt a fol. 120 *et seq* tal-process).

Dan premess, jrid jinghad ukoll li fil-mori tal-kawza l-konvenut Rene Pizzuto rrinunzja ghall-wirt u successjoni ta' missieru Paul

Pizzuto minghajr riservi u dan permezz ta' nota ta' rinunzja a fol. 354 tal-process (jigi rilevat li sar zball fil-fol numru fejn huwa ripetut darbtejn). Bin-nota ta' rinunzja msemmija Rene Pizzuto rrinunzja ghal sehem missieru mill-wirt ta' nannuh Joseph Pizzuto. Di piu' Rene Pizzuto kien l-uniku wild ta' Paul Pizzuto u ommu mietet qabel missieru b'dan li sehmu mill-wirt u successjoni ta' nannuh Joseph Pizzuto ghadda favur iz-zijiet tieghu l-attrici Maria Dolores Ferris, Jane Pizzuto, Anthony Pizzuto u Miriam Cacopardo.

Isegwi ghalhekk li l-attrici Maria Dolores Ferris hija proprjetarja ta' 1/15 mill-proprjeta' derivanti minn wirt ta' missierha Joseph Pizzuto li kellu terz u 1/60 mill-proprjeta' li ghadda ghandha bhala werrieta ta' huha Paul Pizzuto wara r-rinzunja ta' ibnu uniku l-intimat Rene Pizzuto. Dan ifisser li l-attrici hija proprjetarja fil-kwota ta' 1/12 mil-ewwel sular il' fuq tad-dar bin-numru 83, Paola Square, Paola.

<u>Ta' importanza izda u li ghandu jigi rilevat huwa li dan il-fond 83, Paola Square, Paola huwa suggett ghad-dritt ta' abitazzjoni favur il-konvenuta Jane Pizzuto</u> (ara r-raba' Artikolu tat-testment tas-6 ta' Marzu, 1986 a fol. 17 *et seq* tal-process).

<u>Dar bin-numru 4, Palm Street, Paola:</u>

Illi dan il-fond bin-numru 4 f'Triq Palma, Paola nxtrat waqt iz-zwieg minn Joseph u Maria konjugi Pizzuto bil-kuntratt tal-15 ta' April, 1987 fl-atti tan-Nutar George Cassar minghand certa Carmela Grima (ara kuntratt a fol. 125 *et seq* tal-process).

Illi l-attrici Maria Dolores Ferris fir-raba' talba taghha titlob li tigi kkonfermata li hija '...*proprjetarja ta' 1/10 indiviz u/jew dak is-sehem verjuri li tiddetermina l-Qorti, tal-fond numru 6, gja numru 4, Palm Street, Paola, inkluz il-garaxx, provenjenti mill-wirt ta' missierha.*'

Illi da parti tal-konvenuta fir-raba' eccezzjoni taghha tikkontendi li l-prelegat in piena proprjeta' mholli lilha u lil huha Anthony Pizzuto mit-testatur Joseph Pizzuto permezz tal-ewwel Artikolu tat-testment *unica charta* tal-21 ta' Mejju, 1986 oltre l-hanut "Merryland", thalla wkoll il-pjan terran tal-fond 83, Paola Square, Paola li jikkomprendi fih ukoll il-kmamar fil-pjan terran tal-fond 4, Palm Street, Paola.

Illi a skans ta' ripetizzjoni l-Qorti tirreferi ghall-ewwel Artikolu tat-testment *unica charta* tal-21 ta' Mejju, 1986 ikkwotat aktar il' quddiem. Minn qari ta' dan l-artikolu, jirrizulta li t-testatur Joseph Pizzuto identifika bi precisazzjoni liema huma dawk l-partijiet mill-immobbli li jiffurmaw parti mill-legat mholli lill-ahwa Jane u Anthony Pizzuto. It-testatur jindika l-hanut ta' Paola Square, kif ukoll il-kmamar kollha fil-pjan terran u retroposti ghal istess hanut. Dawn huma s-segwenti:

i. il-hanut "Merryland", Paola Square, Paola;
ii. il-kcina;
iii. il-kamra tal-banju; u,
iv. il-bitha retroposta ghal istess hanut.

Illi l-konvenuta Jane Pizzuto targumenta li dan il-legat jinkorpora fih ukoll il-pjan terran tal-fond bin-numru 4 fi Palm Street, Paola. Il-Qorti tinnota li l-fond 4 fi Palm Street, Paola gie akkwistat mill-konjugi Pizzuto bil-kuntratt tal-15 ta' April, 1987 u ghalhekk wara

li sar l-ahhar testment *unica charta* tat-testatur Joseph Pizzuto, b'dan li l-legat ma seta' qatt jinkludi fih il-pjan terran tal-fond 4, Palm Street, Paola. It-testatur ma varjax it-testmenti msemmija u miet biss ftit xhur wara precizament nhar l-10 ta' Dicembru, 1987. Ghaldaqstant il-Qorti ma taqbilx mar-raba' eccezzjoni tal-konvenuta Jane Pizzuto.

Il-Qorti lanqas ma taqbel mat-tielet eccezzjoni tal-konvenuta Jane Pizzuto li l-prelegat tad-dritt ta' abitazzjoni gratwita tad-dar 83, Paola Square, Paola jestendi wkoll fuq il-kamra bin-numru 4 f'Palm Street, Paola. Bl-istess argument tal-paragrafu precedenti, il-prelegat tad-dritt ta' abitazzjoni gie mholli fit-testment li sar qabel ma nxtara l-fond bin-numru 4, Palm Street, Paola u ghalhekk zgur li dan ma giex inkluz fil-prelegat. Di piu' d-dar ta' abitazzjoni fid-data tat-testment kienet il-fond 83, Paola Square, Paola b'dan li l-Qorti tikkonferma aktar u aktar ghalxiex kien qieghed jirreferi t-testatur meta t-testatur halla l-imsemmi dritt ta' abitazzjoni. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi wkoll sabiex tichad din it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta Jane Pizzuto.

Illi ghalhekk l-attrici Maria Dolores Ferris mill-fond bin-numru 4, Palm Street, Paola jirrizulta li ghandha l-kwota ta' 1/10 mill-proprjeta' shiha derivanti mill-wirt ta' missierha Joseph Pizzuto li kellu nofs u l-kwota ta' 1/40 derivanti mill-wirt u successjoni ta' huwha Paul Pizzuto, b'dan li bhala total ghandha l-kwota ta' 1/8 indiviza mill-fond bin-numru 4, Palm Street, Paola.

**<u>Flejjes, investimenti, kontijiet bankarji u oggetti mobbli:</u>**

L-attrici Maria Dolores Ferris fir-raba' talba punt immarkat bl-ittra c talbet li tigi kkonfermata bhala proprjetarja ta' 1/5 tat-titoli ta'

flejjes, investimenti u kontijiet bankarji u kotba tal-bank provenjenti mill-wirt ta' missierha u/jew kwalunque oggetti mobbli u li ma kienux jinsabu fid-dar ta' abitazzjoni *a limine intus* tat-testatur Joseph Pizzuto.

Mill-atti rrizulta li t-testatur Joseph Pizzuto ma kellu l-ebda flejjes, investimenti u kontijiet bankarji/kontijiet tal-bank ghalhekk m'hemm xejn x'jigi diviz.

Dwar oggetti mobbli li ma kinux jinsabu fid-dar jirrizulta li l-attrici la ndikat dawn l-oggetti mobbli x'kienu, u lanqas ma ressqet prova taghhom. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li fir-rigward m'hemm xejn x'jigi diviz.

**Cavetta tal-fond:**

Fil-hames talba taghha l-attrici Maria Dolores Ferris titlob li l-Qorti tordna lill-konvenuti u/jew min minnhom jaghtu u jroddu lura kopja tac-cwievet tal-fond u l-pussess tal-fond 4, Palm Street, Paola, kif ukoll tal-garaxx adjacenti gewwa l-istess Palm Street, Paola.

Illi l-Qorti tinnota li l-attrici b'din it-talba tittenta tohloq konfuzjoni bejn effettivament fiex jikkonsisti l-fond 4, Palm Street, Paola. Il-Qorti fil-mori tal-kawza setghet tikkonstata li l-fond 4, Palm Street, Paola jikkonsisti unikament f'garaxx u l-kmamar ta' fuqu. Di fatti jekk tinghata harsa lejn ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar a fol. 331 *et seq* tal-process mid-deskrizzjoni fis-sezzjoni tal-valutazzjoni tal-proprjeta' jirrizulta li hija dik ta' garaxx. Anke minn dak li xehdu l-partijiet fil-mori tal-kawza

jirrizulta li dan il-fond kien jikkonsisti biss fil-garaxx u l-kmamar ta' fuqu.

Ikkunsidrat li rrizulta li l-attrici ghandha l-kwota ta' 1/8 mill-fond 4, Palm Street, Paola l-attrici ghandu jkollha cavetta sabiex ikollha access ghal dan il-fond. L-intimata izda ghandha kull jedd fil-ligi li tissegrega l-ambjenti originali ta' dan il-fond mill-ambjenti originali tal-fond 83, Paola Square, Paola stante li dan jikkonsisti fir-residenza taghha u ghalkemm huwa in parte proprjeta' tar-rikorrent din il-proprjeta' hija suggetta ghad-dritt ta' abitazzjoni a favur ta' Jane Pizzuto.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddeciedi li l-attrici hija dovuta s-sehem rizervat skond il-ligi mil-wirt ta' ommha Maria Pizzuto li mietet fil-25 ta' Novembru, 2014;

2. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida tali sehem rizervat dovut lill-attrici mill-wirt ta' ommha Maria Pizzuto fl-ammont ta' disgha u tletin elf sitt mija hamsa u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€39,665.43) bl-imghax mid-data tal-14 ta' Jannar, 2016 sal-pagament effettiv liema somma hija dovuta lill-attrici mill-konvenuta Jane Pizzuto bhala l-uniku eredi;

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkonferma li l-attrici hija eredi ta' missierha Joseph Pizzuto li miet fl-10 ta' Dicembru 1987;

4. Tilqa' limitatament ir-raba' talba u tiddikjara li l-attrici:

    a. hija proprjetarja ta' 1/8 indiviz tal-fond konsistenti f'garaxx u l-kmamar ta' fuqu bin-numru 4, Palm Street, Paola, provenjenti mill-wirt ta' missierha.

    b. hija proprjetarja ta' 1/12 indiviz mill-ewwel sular l'fuq tad-dar bin-numru 83, Paola Square, Paola soggett ghad-dritt ta' abitazzjoni a favur ta' Jane Pizzuto, provenjenti mill-wirt ta' missierha Joseph Pizzuto.

5. Tilqa' l-hames talba u tordna lill-konvenuti kollha ghajr Rene' Pizzuto jaghtu kopja tac-cavetta u access ghall-fond 4, Palm Street, Paola lill-attrici u dan entro terminu ta' xahrejn mil-lum, bi dritt tal-intimata Jane Pizzuto li tissegrega l-ambjenti originali tal-fond 83, Paola Square, Paola mill-ambjenti originali tal-fond 4, Palm Street, Paola. Fin-nuqqas li l-attrici tinghata c-cavetta u l-access fit-terminu mpost mill-konvenuti l-Qorti tawtorizza lir-rikorrenti taghmel ix-xoghlijiet neccessarji sabiex ikollha cwievet u tiehu access ghall-fond 4, Palm Street, Paola a spejjez tal-konvenuta Jane Pizzuto. Ghal dan il-ghan qed tinnomina lil Perit Mario Cassar sabiex jissorvelja x-xogholijiet neccessarji sabiex dan ikun jista' jsir fit-termini ta' din id-decizjoni.

L-ispejjez tal-ewwel u tat-tieni talba ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuta Jane Pizzuto, l-ispejjez tat-talbiet rimanenti ghandhom jigu sopportati mill-partijiet kollha eskluz Rene Pizzuto, kwart kull wiehed. L-ispejjez tal-Perit Mario Cassar

nominat f'din id-decizjoni ai fini tal-hames talba f'kaz li jkun hemm bzonnu jigu sopportati mill-konvenuta Jane Pizzuto.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**24 ta' Gunju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Gunju, 2021**